SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

20 ta' Diċembru 2017*

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Televiżjoni diġitali – Għajnuna għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati – Sussidju favur operaturi ta' pjattaformi tat-televiżjoni diġitali terrestri – Deċiżjoni li tiddikjara l-miżuri ta' għajnuna parzjalment inkompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' 'għajnuna mill-Istat' – Vantaġġ – Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali – Definizzjoni – Marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri"

Fil-Kawża C-70/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-5 ta' Frar 2016

Comunidad Autónoma de Galicia,

u

Redes de Telecomunicación Galegas Retegal SA (Retegal), stabbilita f'Santiago de Compostela (Spanja),

irrappreżentati minn F. J. García Martínez u B. Pérez Conde, abogados,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn P. Němečková kif ukoll minn É. Gippini Fournier u B. Stromsky, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

SES Astra SA, stabbilita f'Betzdorf (il-Lussemburgu), irrappreżentata minn F. González Díaz u V. Romero Algarra, abogados, kif ukoll minn F. Salerno, avocat,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, E. Juhász, K. Jürimäe (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, il-Comunidad Autónoma de Galicia (il-Komunità Awtonoma ta' Galicia, Spanja) u Redes de Telecomunicación Galegas Retegal SA (iktar 'il quddiem "Retegal") jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Comunidad Autónoma de Galicia u Retegal vs Il-Kummissjoni (T-463/13 u T-464/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", mhux ippubblikata, EU:T:2015:901), li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikorsi tagħhom intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni 2014/489/UE tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Ġunju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28599 ((C 23/2010) (ex NN 36/2010, ex CP 163/2009)) implementata mir-Renju ta' Spanja għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati ('il barra minn Castilla-La Mancha) (ĠU 2014, L 217, p. 52, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 22 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

3 Din il-kawża tikkonċerna serje ta' miżuri implementati mill-awtoritajiet Spanjoli fil-kuntest tal-mogħdija mix-xandir analoġiku għax-xandir diġitali fi Spanja fit-territorju Spanjol kollu, ħlief għall-Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha (il-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, Spanja) (iktar 'il quddiem il-"miżura inkwistjoni").

4 Ir-Renju ta' Spanja stabbilixxa qafas leġiżlattiv għall-promozzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni mix-xandir analoġiku għax-xandir diġitali, b'mod partikolari bil-promulgazzjoni tal-Ley 10/2005 de Medidas Urgentes para el Impulso de la Televisión Digital Terrestre, de Liberalización de la Televisión por Cable y de Fomento del Pluralismo (Liġi 10/2005 li tistabbilixxi miżuri urġenti għall-iżvilupp tat-televiżjoni diġitali terrestri, għal-liberalizzazzjoni tat-televiżjoni bil-kejbil u għat-tħeġġiġ tal-pluraliżmu), tal-14 ta' Ġunju 2005 (BOE Nru 142, tal-15 ta' Ġunju 2005, p. 20562), u r-Real Decreto 944/2005 por el que se aprueba el Plan técnico nacional de la televisión digital terrestre (Digriet Irjali 944/2005 li japprova l-programm tekniku nazzjonali favur it-televiżjoni diġitali terrestri), tad-29 ta' Lulju 2005 (BOE Nru 181, tat-30 ta' Lulju 2005, p. 27006, iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali 944/2005". Dan id-digriet irjali impona fuq ix-xandara nazzjonali privati u pubbliċi l-obbligu li jiżguraw li 96 % u 98 % rispettivament tal-popolazzjoni jirċievu t-televiżjoni diġitali terrestri (TDT).

5 Sabiex jippermettu l-mogħdija mit-televiżjoni analoġika għat-TDT, l-awtoritajiet Spanjoli qasmu t-territorju Spanjol fi tliet żoni separati, rispettivament imsemmija "żona I", "żona II" u "żona III". Iż-żona II, inkwistjoni f'din il-kawża, tinkludi reġjuni inqas urbanizzati u mbiegħda li jirrappreżentaw 2.5 % tal-popolazzjoni Spanjola. F'din iż-żona, ix-xandara, fin-nuqqas ta' interess kummerċjali, ma kinux investew fid-diġitalizzazzjoni, u dan wassal sabiex ikun hemm finanzjament pubbliku min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli.

6 F'Settembru 2007, il-Consejo de Ministros (il-kabinett, Spanja) adotta l-programm nazzjonali għall-mogħdija għat-TDT li l-għan tiegħu kien li r-rata ta' kopertura tal-popolazzjoni Spanjola bis-servizz TDT tilħaq rata analoga għal dik milħuqa bit-televiżjoni analoġika fl-2007, jiġifieri iktar minn 98 % ta' din il-popolazzjoni u l-popolazzjoni fit-totalità jew fil-kważi totalità tagħha fil-komunitajiet awtonomi tal-País Vasco, tal-Cataluña u ta' Navarra (Spanja).

7 Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' kopertura stabbiliti għat-TDT, l-awtoritajiet Spanjoli pprevedew l-għoti ta' finanzjament pubbliku, b'mod partikolari insostenn tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni terrestri fiż-żona II u b'mod iktar partikolari fi ħdan ir-reġjuni tal-komunitajiet awtonomi li jinsabu f'din iż-żona.

8 Fi Frar 2008, il-Ministerio de Industria, Turismo y Comercio (il-Ministeru għall-Industrija, it-Turiżmu u l-Kummerċ, Spanja) (iktar 'il quddiem l-"MITC") adotta deċiżjoni intiża sabiex itejjeb l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjonijiet u tistabbilixxi l-kriterji kif ukoll it-tqassim tal-finanzjament tal-azzjonijiet favur l-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-kuntest ta' pjan intitolat "Plan Avanza". Il-baġit approvat abbażi ta' din id-deċiżjoni ġie allokat parzjalment għad-diġitalizzazzjoni tat-televiżjoni fiż-żona II.

9 Din id-diġitalizzazzjoni seħħet bejn Lulju u Novembru 2008. Il-MITC sussegwentement ittrasferixxa fondi lill-komunitajiet awtonomi, li impenjaw ruħhom li permezz tar-riżorsi baġitarji tagħhom stess ikopru l-ispejjeż l-oħra marbuta mal-operazzjoni.

10 F'Ottubru 2008, il-kabinett Spanjol iddeċieda li jagħti fondi addizzjonali sabiex jestendi u jikkompleta l-kopertura tat-TDT fil-kuntest tal-proġetti ta' mogħdija lejn id-diġitali li kellhom jiġu implementati matul l-ewwel semestru tal-2009.

11 Sussegwentement, il-komunitajiet awtonomi bdew il-proċess ta' estensjoni tat-TDT. Fil-fatt, dawn organizzaw sejħiet għal offerti jew fdaw din l-estensjoni f'idejn impriżi privati. F'ċerti każijiet, il-komunitajiet awtonomi talbu lill-kunsilli jinkarigaw ruħhom mill-imsemmija estensjoni.

12 Fit-18 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet ilment mingħand SES Astra SA li kien jirrigwarda skema ta' għajnuna min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli favur il-mogħdija mit-televiżjoni analoġika lejn it-TDT fiż-żona II. Skont SES Astra, din l-iskema kienet tinvolvi għajnuna mhux innotifikata li tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-pjattaforma ta' xandir terrestri u dik tax-xandir satellitari.

13 Permezz ta' ittra tad-29 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni informat lir-Renju ta' Spanja bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura msemmija fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni fit-territorju Spanjol kollu, ħlief għall-komunità awtonoma ta' Castilla-La Mancha, reġjun li fir-rigward tiegħu nfetħet proċedura indipendenti.

14 Il-Kummissjoni wara dan adottat id-deċiżjoni kkontestata li l-Artikolu 1 tad-dispożittiv tagħha jiddikjara li l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-operaturi tal-pjattaforma tat-televiżjoni terrestri għat-tnedija, il-manutenzjoni u t-tħaddim tan-netwerk TDT fiż-Żona II, ġiet implementata bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) TFUE, u li hija inkompatibbli mas-suq intern, għajr għall-għajnuna li ngħatat f'konformità mal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika. L-Artikolu 3 tad-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni jordna l-irkupru ta' din l-għajnuna inkompatibbli mingħand operaturi tat-TDT, irrispettivament minn jekk irċevewx l-għajnuna direttament jew indirettament.

15 Fil-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, fl-ewwel lok, li d-diversi strumenti adottati fuq livell ċentrali u l-ftehimiet li kienu ġew konklużi u emendati bejn l-MITC u l-komunitajiet awtonomi kienu jikkostitwixxu l-bażi tal-iskema ta' għajnuna għall-estensjoni tat-TDT fiż-żona II. Fil-prattika, il-komunitajiet awtonomi applikaw l-indikazzjonijiet tal-Gvern Spanjol dwar l-estensjoni tat-TDT.

16 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni kkonstatat li l-miżura inkwistjoni kellha titqies bħala li hija għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni osservat, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw biss il-każ tal-komunità awtonoma tal-País Vasco sabiex jinvokaw l-assenza ta' għajnuna mill-Istat skont il-kriterji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, iktar 'il quddiem is-"sentenza Altmark", EU:C:2003:415). Madankollu, l-ewwel kriterju ta' din is-sentenza (iktar 'il quddiem l-"ewwel kriterju Altmark"), li jipprovdi, minn naħa, li l-impriża benefiċjarja għandha tkun effettivament inkarigata mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku u, min-naħa l-oħra, li dawn l-obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar, ma kienx, skont il-Kummissjoni, issodisfatt. Barra minn hekk, fl-assenza ta' garanzija tal-inqas spiża fl-interess ġenerali tal-imsemmija komunità awtonoma, ir-raba' kriterju tal-imsemmija sentenza (iktar 'il quddiem ir-"raba' kriterju Altmark"), lanqas ma kien issodisfatt.

17 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni qieset li l-miżura inkwistjoni ma setgħetx titqies li hija għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern, skont l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE, minkejja l-fatt li din il-miżura kienet intiża li tilħaq għan ta' interess komuni tabilħaqq speċifiku u li kien hemm nuqqasijiet fis-suq ikkonċernat. Skont il-Kummissjoni, ladarba l-imsemmija miżura ma kinitx tirrispetta l-prinċipju ta' newtralità teknoloġika, din ma kinitx proporzjonali u ma kinitx tikkostitwixxi strument xieraq sabiex tiġi ggarantita l-kopertura tal-kanali FTA lir-residenti taż-żona II.

18 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni qieset li, fl-assenza ta' definizzjoni preċiża biżżejjed tat-tħaddim ta' pjattaforma terrestri inkwantu servizz pubbliku, il-miżura inkwistjoni ma setgħetx tkun iġġustifikata abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

19 Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Awwissu 2013, l-appellanti ressqu l-kawżi tagħhom intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

20 B'digriet tad-9 ta' Frar 2015, wara li semgħet lill-partijiet, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tgħaqqad il-kawżi għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

21 Insostenn tar-rikorsi tagħhom, l-appellanti ressqu erba' motivi. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE. Il-motivi l-oħra tressqu sussidjarjament. It-tieni u t-tielet motivi kienu jirrigwardaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq intern. Dawn il-motivi kienu bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni previsti fl-Artikolu 106(2) TFUE u fl-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE. Permezz tar-raba' motiv tagħhom, l-appellanti sostnew li l-Kummissjoni kienet żbaljatament ikklassifikat lil Retegal bħala "benefiċjarja ta' għajnuna mill-Istat illegali".

22 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet kull wieħed mill-motivi fuq il-mertu u, għaldaqstant, ir-rikors kollu kemm huwa.

It-talbiet tal-partijiet;

23 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti qegħdin jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiddeċiedi definittivament ir-rikorsi għal annullament tagħhom u tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24 Il-Kummissjoni u SES Astra jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appelli u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

25 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw erba' aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma annullatx parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, għalkemm hija laqgħet ir-raba' motiv għal annullament tal-appellanti, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' Retegal bħala benefiċjarja ta' għajnuna illegali. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-miżura inkwistjoni tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat kienu ssodisfatti. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn il-Qorti Ġenerali żbaljatament iddeċidiet li din il-miżura hija ta' natura selettiva. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 TFUE u tal-Artikolu 106(2) TFUE, kif ukoll tal-Protokoll Nru°26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

26 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn, wara l-analiżi tagħha tar-raba' motiv għal annullament tagħhom, hija kellha tilqa' parzjalment ir-rikorsi tagħhom, konformament mar-rekwiżiti tal-Artikolu 264 TFUE.

27 L-ewwel nett, l-appellanti jsostnu li, hekk kif il-Qorti Ġenerali nnifisha ammettiet, fil-punt 160 tas-sentenza appellata, id-dispożittiv ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni għandu jinqara fid-dawl tal-premessi tal-istess deċiżjoni. Huma josservaw li għalkemm huwa ċertament minnu li d-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata la jsemmi espliċitament l-identità tal-benefiċjarji u lanqas l-ammont tal-għajnuna. Madankollu, ir-riferiment, fid-dispożittiv, għat-taqsima 6.2 ta' din id-deċiżjoni u, għaldaqstant, għall-premessi 193 u 194 tagħha, ineħħi l-effett ġuridiku tal-konstatazzjonijiet esposti fil-punti 149 sa 163 tas-sentenza appellata.

28 It-tieni nett, skont l-appellanti, fid-dawl tal-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), il-Qorti Ġenerali ma setgħetx validament tiddikjara, fil-punt 153 tas-sentenza appellata, li l-premessi 193 u 194 tad-deċiżjoni kkontestata kienu jillimitaw ruħhom li jipprovdu informazzjoni neċessarja għall-irkupru tal-għajnuna illegali inkwistjoni.

29 It-tielet nett, għalkemm iddeċidiet, fis-sentenza appellata, li ma kellha tinsilet ebda konsegwenza mill-premessi tad-deċiżjoni kkontestata li fihom il-Kummissjoni identifikat il-benefiċjarji u l-ammont tal-għajnuna li għandu jiġi rkuprat, il-Qorti Ġenerali żbaljatament naqset milli tirrifletti din il-konstatazzjoni fid-dispożittiv ta' dik is-sentenza.

30 Ir-raba' nett, l-appellanti jqisu li, minħabba tali ommissjoni, l-awtoritajiet Spanjoli ma humiex f'pożizzjoni, fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru tal-għajnuna illegali inkwistjoni li jevalwaw il-portata tad-deċiżjoni kkontestata, bil-kontra ta' dak li jeħtieġ, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' ċertezza legali.

31 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-ewwel aggravju huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata, peress li, bil-kontra ta' dak li qed isostnu l-appellanti, dik is-sentenza ma tilqa' l-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-appellanti fl-ewwel istanza.

32 SES Astra tqis li l-ewwel aggravju huwa manifestament inammissibbli għaliex dan huwa, fil-verità, intiż li jikkontesta l-evalwazzjonijiet ta' natura fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-motivi tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali allegatament laqgħet ir-raba' motiv għal annullament tagħhom, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fil-klassifikazzjoni ta' Retegal bħala benefiċjarja tal-għajnuna illegali inkwistjoni, kellu jwassal għal annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata.

34 Sa fejn l-argument tal-appellant jirrigwarda l-eżistenza ta' allegat nuqqas ta' koerenza bejn il-motivi u d-dispożittiv tas-sentenza appellata, hemm lok li l-argument ta' SES Astra f'dak li jirrigwarda l-inammissibbiltà ta' dan l-aggravju jiġi miċħud.

35 Fuq il-mertu, l-imsemmi aggravju huwa bbażat fuq qari manifestament żbaljat tas-sentenza appellata.

36 Fil-fatt, mill-punti 151 u 160 ta' dik is-sentenza jirriżulta b'mod ċar li, bil-kontra ta' dak li jsostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma laqgħatx ir-raba' motiv għal annullament tagħhom, iżda ċaħditu għaliex ineffettiv.

37 F'dan ir-rigward, mill-punt 153 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali rrispondiet, b'mod partikolari, l-argumenti tal-appellanti billi fakkret li, fil-premessi 189 sa 195 tad-deċiżjoni kkontestata, li jinsabu fil-punt 6.2 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet illimitat ruħha li tagħti informazzjoni lir-Renju ta' Spanja dwar il-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni sabiex dan l-Istat Membru jkun jista' jwettaq l-obbligi tiegħu ta' rkupru u ta' informazzjoni previsti fl-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmija deċiżjoni.

38 Barra minn hekk, f'dan il-punt il-Qorti Ġenerali speċifikat li, sa fejn il-Kummissjoni kienet qieset, fil-premessa 193 tad-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, li s-sitwazzjoni fil-Galicia kienet taqa' taħt il-kategorija tal-iskema ta' għajnuna li fil-kuntest tagħha l-estensjoni tan-netwerk ġiet fdata lil impriża pubblika li taġixxi bħala operatur ta' netwerk u, min-naħa l-oħra, li Retegal kienet il-benefiċjarja tal-miżura inkwistjoni f'din il-komunità awtonoma, dawn il-kunsiderazzjonijiet kienu jikkostitwixxu evalwazzjoni preliminari fl-istadju ta' din id-deċiżjoni li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-legalità tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni. Hija ddeċidiet, fil-fatt, li dawn il-konstatazzjonijiet ma kinux jikkostitwixxu teħid ta' pożizzjoni vinkolanti legalment f'dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni f'Galicia u l-klassifikazzjoni ta' Retegal bħala benefiċjarja tal-għajnuna, peress li, konformement mal-premessa 189 tad-deċiżjoni kkontestata, din is-sitwazzjoni kellha tibqa' suġġetta għall-evalwazzjoni tal-awtoritajiet Spanjoli.

39 Għalhekk, fil-punt 160 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li kien ir-Renju ta' Spanja li kellu jiddetermina, fil-kuntest tal-irkupru tal-għajnuna kontenzjuża, imsemmija fl-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni, jekk l-għajnuna inkwistjoni f'Galicia kinitx koperta mill-obbligu ta' rkupru fid-dawl tal-elementi li jinsabu fl-Artikoli 1 u 3 tal-istess deċiżjoni, moqrija fid-dawl tal-premessi 185 u 186 tagħha. Għaldaqstant, sa fejn l-appellanti kienu qed isostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni kienet wettqet konstatazzjonijiet żbaljati f'dak li jirrigwarda l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata f'Galicia, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dan l-argument kien ineffettiv.

40 Konsegwentement, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud għaliex manifestament infondat.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

41 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli interpretat ħażin il-portata tal-istħarriġ li hija kellha twettaq, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, sa fejn hija kkonfermat il-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat billi bbażat ruħha fuq il-punti 57, 61 u 79 tas-sentenza appellata. Huma jsostnu, f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali la vverifikat l-eżattezza tal-fatti invokati mill-Kummissjoni u lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni elementi prodotti minnhom quddiemha fir-rigward, b'mod partikolari, tan-natura ekonomika tal-attività kkonċernata.

42 L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali allegatament wettqet deskrizzjoni manifestament żbaljata tal-attività inkwistjoni f'Galicia meta qieset, b'mod partikolari fil-punt 61 tas-sentenza appellata, li n-netwerk tat-TDT seta' jitħaddem kummerċjalment, filwaqt li l-appellanti kienu allegatament urew fl-ewwel istanza li dan ma kienx il-każ, minħabba l-karatteristiċi tekniċi u l-livell ta' tagħmir tal-imsemmi netwerk, kif ukoll minħabba l-leġiżlazzjoni applikabbli. Minn dan jirriżulta żnaturament tal-fatti rilevanti tal-kawża u ksur tal-ġurisprudenza dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat.

43 It-tieni nett, billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fis-sentenza appellata, il-fatt li n-netwerk inkwistjoni ma huwiex imħaddem kummerċjalment u li ma huwiex konċepit biex ikun hekk imħaddem, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx stħarriġ sħiħ dwar il-kwistjoni ta' jekk il-miżura inkwistjoni kinitx jew le taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fil-fatt, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-komuni f'kooperazzjoni mal-komunitajiet awtonomi jipprovdu biss is-servizz ta' appoġġ għas-sinjal tat-TDT. Dan is-servizz jista' jiġi pprovdut biss f'żoni fejn ma hemm ebda kopertura tat-TDT u mingħajr ebda korrispettiv finanzjarju. Dan ma jimplika ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni u ġie kklassifikat bħala servizz pubbliku fid-dritt nazzjonali.

44 It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali allegatament żnaturat id-dritt nazzjonali, u b'mod partikolari t-tnax-il dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Irjali°944/2005, meta ddikjarat, fil-punt 79 tas-sentenza appellata, li n-netwerk inkwistjoni jista' jintuża għall-provvista ta' servizzi oħra minbarra għat-TDT, filwaqt li minn din il-leġiżlazzjoni kien jirriżulta b'mod ċar li l-imsemmi netwerk jista' jiġi mħaddem biss għat-TDT.

45 Il-Kummissjoni u SES Astra jqisu li dan l-aggravju huwa inammissibbli. Minn naħa, dan huwa intiż li jikkontesta l-evalwazzjonijiet fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali. Min-naħa l-oħra, dan sempliċement jirrepeti argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

46 It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-evalwazzjonijiet allegatament żbaljati tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 57, 61 u 79 tas-sentenza appellata, f'dak li jirrigwarda n-natura ekonomika tal-attività inkwistjoni f'Galicia. Dawn l-evalwazzjonijiet allegatament wasslu sabiex din tal-aħħar twettaq żball ta' liġi billi kklassifikat il-miżura inkwistjoni bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

47 Hekk kif jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għal punti ta' liġi. Il-Qorti Ġenerali għandha għaldaqstant ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll sabiex tevalwa l-provi. L-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u ta' dawn il-provi, għalhekk, ma tikkostitwixxix, ħlief meta tiżnatura l-fatti jew il-provi, punt ta' liġi li, bħala tali, huwa

suġġett għal stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-21 ta' April 2016, Dansk Automat Partiforening vs Il-Kummissjoni, C-563/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:303, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Barra minn hekk, skont dawn l-istess dispożizzjonijiet u skont l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li tagħha qed jintalab l-annullament kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din t-talba. Ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet appell li, mingħajr ma biss jinkludi argument li speċifikament jidentifika l-iżball ta' liġi li allegatament jivvizzja s-sentenza appellata, sempliċament jirrepeti jew jirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li jkunu diġà tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk li kienu bbażati fuq fatti espressament miċħuda minn dik il-Qorti. Fil-fatt, tali appell fil-verità jikkostitwixxi talba intiża sabiex jinkiseb sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, ċirkustanza li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-21 ta' April 2016, Dansk Automat Partiforening vs Il-Kummissjoni, C-563/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:303, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, essenzjalment, permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jridu speċifikament, billi jirrepetu, essenzjalment, l-istess argumenti bħal dawk imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, jikkontestaw il-konstatazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet tal-fatti magħmula minn din tal-ewwel fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel u tat-tieni partijiet tal-ewwel motiv għal annullament. Billi jgħamlu dan, huma fil-verità jippruvaw jiksbu eżami mill-ġdid tal-fatti u tal-provi li huma pproduċew fl-ewwel istanza sabiex juru, minn naħa, li l-azzjoni eżerċitata mill-komunità awtonoma ta' Galicia kienet taqa' taħt l-eżerċizzju tal-prerogattivi tal-awtorità pubblika u ma kinitx attività ekonomika u, min-naħa l-oħra, li l-miżura inkwistjoni ma kienet timplika l-ebda trasferiment ta' riżorsi.

50 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegazzjonijiet tal-appellanti dwar żnaturamenti tal-fatti u tad-dritt nazzjonali, dawn tal-aħħar għandhom, skont id-dispożizzjonijiet mfakkra fil-punt 47 ta' din is-sentenza, jindikaw preċiżament l-elementi li ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u juri l-iżbalji fl-analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, żnaturament għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Franza u Orange, C-486/15 P, EU:C:2016:912, punt 99, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għaldaqstant, l-argumenti bbażati fuq żnaturament tal-fatti għandhom jiġu miċħuda mill-ewwel, peress li, permezz tal-argumenti tagħhom, l-appellanti ma pproduċew l-ebda element li minnu jirriżulta b'mod manifest li l-Qorti Ġenerali wettqet tali żnaturament.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud għaliex inammissibbli.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

53 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli naqset milli tosserva l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u talli wettqet żball ta' evalwazzjoni meta kkonfermat, fil-punt 85 tas-sentenza appellata, il-premessa 113 tad-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda n-natura selettiva tal-għajnuna.

54 Huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali ma tindikax sa fejn is-sitwazzjoni fil-komuni ta' Galicia taż-żona II, jiġifieri dawk li jużaw it-teknoloġija terrestri, hija paragunabbli għal dik tal-komuni fejn tintuża teknoloġija oħra, bħat-teknoloġija satellitari. Issa, l-eżami tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet jikkostitwixxi rekwiżit preliminari neċessarju għall-istabbiliment tan-natura selettiva tal-għajnuna.

55 Skont il-Kummissjoni dan l-aggravju huwa ineffettiv u kompletament infondat. Hija ssostni li, jekk miżura, li ma hijiex miżura ta' natura ġenerali, tapplika esklużivament għal settur ta' attività jew għal impriżi ta' żona ġeografika speċifika, ir-rekwiżit ta' selettività huwa ssodisfatt. F'dan il-każ, jekk jitqies li l-għajnuna ngħatat fl-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika, din tibqa' miżura selettiva, peress li din tapplika għal settur ta' attività, jiġifieri s-settur tax-xandir, u mhux għall-operaturi ekonomiċi kollha.

56 SES Astra ssostni li dan l-aggravju huwa manifestament inammissibbli u, f'kull każ, infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

57 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jikkritikaw il-punt 85 tas-sentenza appellata sa fejn dan jikkonferma l-analiżi tal-Kummissjoni dwar in-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni.

58 Ir-rekwiżit dwar is-selettività tal-vantaġġ huwa element kostitwenti tal-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li jipprojbixxi l-għajnuna li "tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi". Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-evalwazzjoni ta' din il-kundizzjoni timponi li jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, miżura nazzjonali tkunx ta' natura li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" meta mqabbla ma' oħrajn, li, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-evalwazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tan-natura suffiċjenti, jew insuffiċjenti, tal-motivazzjoni tista' tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 453, u tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs Hamas, C-79/15 P, EU:C:2017:584, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, il-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adatta għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, li tkun l-awtur tal-att, b'mod li tippermetti li l-persuni kkonċernati jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u li l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, C-660/15 P, EU:C:2017:178, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fir-rigward tal-eżami tar-rekwiżit ta' selettività ta' miżura ta' għajnuna, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-eżami għandu jkun suffiċjentement motivat sabiex jippermetti stħarriġ ġudizzjarju komplet, b'mod partikolari, tan-natura paragunabbli tas-sitwazzjoni tal-operaturi li jibbenefikaw mill-miżura ma' dik tal-operaturi li huma esklużi minnha (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group SA *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 94).

60 F'dan il-każ, fil-punt 86 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrispondiet l-argument tal-appellant fl-ewwel istanza li jgħid li l-motivazzjoni dwar in-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni, kif tinsab fil-premessa 113 tad-deċiżjoni kkontestata, kienet insuffiċjenti. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument, peress li din il-motivazzjoni kienet tindika li din il-miżura kienet ta' benefiċċju biss għas-settur tax-xandir u li, f'dan is-settur, l-imsemmija miżura kienet tikkonċerna biss l-impriżi li joperaw fis-suq tal-pjattaforma terrestri.

61 Dan ir-raġunament huwa vvizzjat bi żball ta' liġi. Fil-fatt, il-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, l-istess bħal dawk tas-sentenza appellata, ma jinkludu ebda indikazzjoni li tippermetti li wieħed jifhem għal liema raġunijiet għandu jitqies li l-impriżi attivi fis-settur tax-xandir jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli meta mqabbla mal-impriżi attivi f'setturi oħra jew li l-impriżi li jużaw it-teknoloġija terrestri jinsabu f'tali sitwazzjoni meta mqabbla mal-impriżi li jużaw teknoloġiji oħra. L-argument tal-Kummissjoni li jgħid li f'dan ir-rigward ma kienet meħtieġa ebda motivazzjoni, peress li r-rekwiżit ta' selettività huwa awtomatikament issodisfatt jekk il-miżura tapplika esklużivament għal settur ta' attività jew għal impriżi ta' żona ġeografika speċifika, ma jistax jiġi milqugħ. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li miżura li tagħti benefiċċju lil settur ta' attività wieħed biss jew lil parti mill-impriżi ta' dan is-settur ma hijiex neċessarjament selettiva. Din tkun effettivament selettiva biss jekk, fil-kuntest ta' sistema legali speċifika, hija jkollha l-effett li tagħti vantaġġ lil ċerti impriżi meta mqabbla ma' impriżi oħra li joperaw f'setturi oħra jew fl-istess settur u li, fir-rigward tal-għan imfittex minn din is-sistema, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 58).

62 Tali assenza ta' motivazzjoni tikkostitwixxi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u konsegwentement tostakola l-istħarriġ ġudizzjarju tal-qorti tal-Unjoni.

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet aggravju għandu jiġi milqugħ.

Fuq ir-raba' aggravju

64 Permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti jinvokaw żball ta' liġi mwettaq fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 TFUE u tal-Artikolu 106(2) TFUE, kif ukoll tal-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

Fuq l-ewwel parti

– L-argumenti tal-partijiet

65 L-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija bbażata fuq żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda s-setgħa diskrezzjonali li l-Istati Membri għandhom fid-definizzjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (iktar 'il quddiem is-"SIEĠ") inkwistjoni.

66 L-appellanti jqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet dan l-iżball ta' liġi fil-punti 99, 101 u 111 tas-sentenza appellata, meta ddeċidiet li t-tħaddim tan-netwerk terrestri ma ġiex iddefinit bħala SIEĠ fis-sens tal-ewwel kriterju Altmark. Huma jsostnu, f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li teskludi, bħala prinċipju, li dan it-tħaddim jista' jiġi ddefinit bħala SIEĠ, mingħajr ma analizzat iċ-ċirkustanzi partikolari li jikkaratterizzaw l-infrastruttura preżenti fiż-żona II u, b'mod partikolari, jekk din setgħetx titħaddem kummerċjalment.

67 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li teżamina, fil-punti 100 sa 105 tas-sentenza appellata, il-liġijiet nazzjonali dwar it-telekomunikazzjonijiet, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, il-missjoni ta' servizz pubbliku ġiet iddefinita permezz ta' diversi atti uffiċjali suċċessivi, u b'mod partikolari, it-tnax-il dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Irjali 944/2005 li jirregola l-intervent tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-provvista tas-servizz pubbliku kif ukoll il-ftehimiet ta' partnetarjat konklużi bejn l-Istat, il-komunità awtonoma ta' Galicia u l-komuni ta' Galicia. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kienet żbaljata f'dak li jirrigwarda n-natura vera tas-servizz inkwistjoni.

68 Il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat illimitat ruħha li tikkonstata li t-tħaddim tan-netwerk terrestri ma kienx iddefinit bħala servizz pubbliku fid-dritt nazzjonali, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi li jikkaratterizzaw l-infrastruttura eżistenti fiż-żona II ta' Galicia. Barra minn hekk, l-appellanti jenfasizzaw li, fir-rigward tal-entitajiet li lilhom tiġi attribwita l-missjoni ta' servizz pubbliku, id-dritt nazzjonali jispeċifika b'mod ċar li din il-missjoni hija fdata f'idejn il-komuni f'partnertarjat mal-komunità awtonoma ta' Galicia. Fl-aħħar nett, dwar il-kwistjoni ta' jekk l-obbligi ta' servizz pubbliku humiex iddefiniti tajjeb fid-dritt nazzjonali, l-appellanti jindikaw li t-tnax-il dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Irjali 944/2005 tippreċiża li s-servizz li l-provvista tiegħu huwa fdat f'idejn l-amministrazzjonijiet territorjali huwa dak tax-xandir bit-TDT liċ-ċittadini tagħhom taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

69 Billi għamlet dan, il-Qorti Ġenerali allegatament kisret is-setgħa diskrezzjonali u l-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom biex jiddefinixxu SIEĠ.

70 Il-Kummissjoni u SES Astra jqisu li l-argumenti żviluppati insostenn ta' din il-parti huma, parzjalment, inammissibbli u, parzjalment, ineffettivi.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

71 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli wettqet diversi żbalji ta' evalwazzjoni tad-dritt nazzjonali li wassluha sabiex tinjora l-eżistenza fid-dritt nazzjonali ta' definizzjoni ċara tas-servizz ta' appoġġ tat-TDT bħala servizz pubbliku fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415).

72 Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 50 ta' din is-sentenza, f'dak li jirrigwarda l-eżami, fil-kuntest ta' appell, tal-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fid-dawl tad-dritt nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha biss il-kompetenza li tivverifika jekk kienx hemm żnaturament ta' dan id-dritt. F'dan ir-rigward, żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi.

73 F'dan il-każ, fil-punt 99 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li permezz tiegħu l-appellanti kienu qed isostnu li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li, fl-assenza ta' definizzjoni ċara tas-servizz ta' tħaddim tan-netwerk terrestri bħala servizz pubbliku, l-ewwel kriterju Altmark ma kienx issodisfatt. Mill-punt 98 tas-sentenza appellata jirriżulta li dan l-argument kien essenzjalment ibbażat fuq il-fatt li t-televiżjoni Spanjola kif ukoll is-servizz ta' appoġġ ta' xandir bit-televiżjoni huma servizzi pubbliċi abbażi tal-leġiżlazzjoni Spanjola.

74 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, bl-iskuża li jikkritikaw il-Qorti Ġenerali talli wettqet diversi żbalji ta' liġi meta hija evalwat din il-leġiżlazzjoni, l-appellanti jillimitaw ruħhom, mingħajr ma jinvokaw l-iċken żnaturament, li jikkritikaw l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, b'mod partikolari tat-tnax-il dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Irjali 944/2005, imwettqa mill-Qorti Ġenerali b'mod partikolari fil-punti 100 sa 102 tas-sentenza appellata, sabiex din tiġi ssostitwita b'interpretazzjoni alternattiva u, għaldaqstant, sabiex jiksbu evalwazzjoni ġdida tal-fatti. Huma bl-ebda mod ma jippruvaw jistabbilixxu li l-Qorti Ġenerali wettqet konstatazzjonijiet li jmorru manifestament kontra l-kontenut ta' din il-liġi nazzjonali jew li hija tat lil din tal-aħħar portata li ma kinitx manifestament tixirqilha fid-dawl tal-atti tal-proċess.

75 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tal-appellant, ibbażat fuq l-eżistenza ta' żbalji ta' evalwazzjoni tad-dritt nazzjonali, huwa inammissibbli.

76 Barra minn hekk, sa fejn l-appellanti jsostnu wkoll li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali wasslet sabiex din tinnega s-setgħa diskrezzjonali li l-Istati Membri għandhom biex jiddefinixxu s-SIEĠ, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet speċifikament, fil-punt 95 tas-sentenza appellata, li dawn

l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni u, konsegwentement, li l-Kummissjoni tista' tikkontesta d-definizzjoni ta' dawn is-servizzi minn Stat Membru biss f'każ ta' żball manifest.

77 F'dan ir-rigward, u barra minn hekk kif jammettu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 97 tas-sentenza appellata, li, fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha hija għandha madankollu tiżgura ruħha li tosserva ċerti kriterji minimi li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-preżenza ta' att tal-awtorità pubblika li jagħti lill-operaturi inkwistjoni missjoni ta' SIEĠ, kif ukoll in-natura universali u vinkolanti ta' din il-missjoni.

78 Issa, hekk kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 136 tal-konklużjonijiet tiegħu, fil-punt 110 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-appellanti fl-ebda mument ma kienu f'pożizzjoni li jiddeterminaw liema obbligi ta' servizz pubbliku kienu ġew fdati f'idejn l-operaturi tan-netwerks tat-TDT, jew mil-liġi Spanjola, jew mill-ftehimiet ta' tħaddim, u ħafna inqas li jipproduċu l-prova ta' dan.

79 Għalhekk, l-argument tal-appellant, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali allegatament eskludiet, bħala prinċipju, li t-tħaddim tan-netwerk terrestri jista' jiġi ddefinit bħala SIEĠ, għandu jitqies infondat.

80 Għaldaqstant, għandu jiġi ddikjarat li l-ewwel parti tar-raba' aggravju hija, parzjalment, inammissibbli u, parzjalment, infondata.

Fuq it-tieni parti

– L-argumenti tal-partijiet

81 It-tieni parti ta' dan l-aggravju hija bbażata fuq allegat ksur mill-Qorti Ġenerali tal-limitu tal-iżball manifest, fil-kuntest tal-eżami tagħha tad-dritt nazzjonali li jiddefinixxi s-SIEĠ inkwistjoni.

82 L-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli wettqet żball ta' liġi, fil-punt 112 tas-sentenza appellata, meta llimitat ruħha li tikkonferma l-kontenut tal-premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata, li tgħid li d-definizzjoni bħala servizz pubbliku tat-tħaddim ta' pjattaforma ta' appoġġ speċifiku, f'dan il-każ it-tħaddim tal-pjattaforma terrestri, kienet ikkostitwixxiet żball manifest tal-awtoritajiet Spanjoli. Il-Qorti Ġenerali ma evalwatx l-eżistenza ta' żball manifest fid-definizzjoni tas-SIEĠ inkwistjoni u llimitat ruħha li tikkonstata li ma teżistix definizzjoni ċara u preċiża ta' dan is-SIEĠ.

83 Skont l-appellanti, b'dan il-mod il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li s-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri tippermettilhom jagħżlu mod partikolari ta' implementazzjoni tas-SIEĠ, bħal, f'dan il-każ, il-pjattaforma terrestri. F'dan ir-rigward, l-appellanti jinnotaw kontradizzjoni mal-punt 78 tas-sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, Comunidad Autónoma del País Vasco u Itelazpi vs Il-Kummissjoni (T-462/13, EU:T:2015:902), li fiha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet ikkonstatat bi żball, fil-punt 121 tad-deċiżjoni kkontestata, żball manifest tal-awtoritajiet Spanjoli fid-definizzjoni tas-SIEĠ inkwistjoni. Għalhekk l-appellanti jsostnu li, fil-preżenza ta' nuqqas tas-suq fiż-żona kkonċernata, ta' interess ġenerali u ta' għan ta' universalità previst fid-dritt nazzjonali rilevanti, id-definizzjoni ta' dan is-servizz kien fiha l-elementi essenzjali għad-definizzjoni tiegħu bħala SIEĠ.

84 Il-Kummissjoni u SES Astra jsostnu li din il-parti hija inammissibbli.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

85 Permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju, l-appellanti jikkritikaw, essenzjalment, il-punt 112 tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat li mill-premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li d-definizzjoni bħala servizz pubbliku tat-tħaddim tal-pjattaforma terrestri tikkostitwixxi żball manifest tal-awtoritajiet Spanjoli.

86 Għandu jiġi osservat li din il-parti tikkostitwixxi argument ġdid li ma ġiex suġġett għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali u li, għalhekk, huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell.

87 Fil-fatt, mill-punt 112 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-appellanti ma kkontestawx il-premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata.

88 Issa, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' appell, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzjoni legali misjuba għall-motivi diskussi quddiem il-qorti tal-ewwel istanza (digriet tas-16 ta' Frar 2017, Monster Energy vs EUIPO, C-502/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2017:139, punt 5 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 Konsegwentement, l-argument magħmul insostenn ta' din il-parti għandu jiġi miċħud għaliex inammissibbli.

Fuq it-tielet parti

– L-argumenti tal-partijiet

90 It-tielet parti ta' dan l-aggravju hija bbażata fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali allegatament żnaturat dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, jiġifieri ċ-Ċirkolari 1/2010 tal-Kummissjoni għas-suq tat-telekomunikazzjonijiet Spanjoli (iktar 'il quddiem iċ-"Ċirkolari 1/2010"), li tikkostitwixxi element ta' evalwazzjoni tan-natura tas-servizz inkwistjoni.

91 L-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli ma aċċettatx, fil-punt 109 tas-sentenza appellata, l-argumenti tagħhom ibbażati fuq iċ-Ċirkolari 1/2010 minħabba li din ma ġietx prodotta quddiemha. Minn dan jirriżulta nuqqas ta' koerenza mar-raġunijiet l-oħra ta' dan il-punt li jirrigwardaw il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jammonta għal ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali adottat miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura sabiex il-Kummissjoni tipproduċi ċerti elementi tad-dritt nazzjonali, li fosthom ma kienx hemm din iċ-ċirkolari. Huma jenfasizzaw li l-kontenut u n-natura vinkolanti tagħha ma humiex ikkontestati mill-partijiet fit-tilwima. Fl-aħħar nett, il-fatt li s-servizz ta' appoġġ tat-TDT huwa esklużż mill-kamp ta' applikazzjoni taċ-Ċirkolari 1/2010 jimplika li dan is-servizz għandu jitqies bħala li huwa servizz pubbliku.

92 Il-Kummissjoni tqis li, sa fejn l-appellanti jammettu li d-definizzjoni tas-servizz inkwistjoni bħala servizz pubbliku ma hijiex inkluża fiċ-Ċirkolari 1/2010, huwa diffiċli li wieħed jifhem b'liema mod allegat żnaturament tad-dritt nazzjonali huwa rilevanti. Barra minn hekk, l-appellanti ma jindikawx f'hiex jikkonsisti dan l-iżnaturament. F'kull każ, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi fil-punt 109 tas-sentenza appellata.

93 SES Astra ssostni li din il-parti hija inammissibbli għaliex l-appellanti ma jindikawx b'liema mod l'applikazzjoni taċ-Ċirkolari 1/2010 hija rilevanti għall-annullament tas-sentenza appellata.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

94 Permezz tat-tielet parti, l-appellanti essenzjalment jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli b'mod żbaljat ma aċċettatx l-argumenti tagħhom dwar iċ-Ċirkolari 1/2010, minħabba li din ma kinitx ġiet prodotta quddiemha, filwaqt li l-Qorti Ġenerali setgħet titlob il-produzzjoni tal-imsemmija ċirkolari.

95 Din il-parti hija ineffettiva. Fil-fatt, mill-punt 109 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha li tiċħad l-argumenti tal-appellant bbażati fuq iċ-Ċirkolari 1/2010 minħabba li din ma kinitx ġiet prodotta quddiemha, iżda kkonstatat, sussidjarjament, li dawn l-argumenti ma jistabbilixxux li s-servizz ta' tħaddim ta' netwerk terrestri kien ġie ddefinit bħala servizz pubbliku fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark (C-280/00, EU:C:2003:415). Issa, l-appellanti ma jressqu ebda argument konkret li jikkonfuta din il-konstatazzjoni.

96 Peress li t-tielet aggravju ġie milqugħ, hemm lok li s-sentenza appellata tiġi annullata abbażi ta' dan.

Fuq ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali

97 Skond it-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Dan huwa l-każ hawnhekk.

98 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li, għar-raġunijiet stabbiliti fil-punti 60 sa 62 ta' din is-sentenza, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata minħabba ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.

Fuq l-ispejjeż

99 Skond l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, jipprevedi li l-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

100 Peress li l-appell tal-appellant huwa milqugħ u peress li d-deċiżjoni kkontestata hija annullata, hemm lok li l-Kummissjoni tiġi kkundannata, minbarra għall-ispejjeż tagħha, għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti kemm fil-kuntest ta' dan l-appell kif ukoll fil-kuntest tal-ewwel istanza, hekk kif mitlub mill-appellanti.

101 Skont l-Artikolu 140(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, SES Astra bħala intervenjenti, rispettivament, quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Novembru 2015, Comunidad Autónoma de Galicia u Retegal vs Il-Kummissjoni (T-463/13 u T-464/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:901), hija annullata.**

2) **Id-Deċiżjoni 2014/489/UE tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Ġunju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28599 ((C 23/2010) (ex NN 36/2010, ex CP 163/2009)) implementata mir-Renju ta' Spanja għat-tnedija tat-televiżjoni diġitali terrestri f'żoni remoti u inqas urbanizzati ('il barra minn Castilla-La Mancha), hija annullata.**

3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Comunidad Autónoma de Galicia (il-Komunità Awtonoma ta' Galicia, Spanja) u minn Redes de Telecomunicación Galegas Retegal SA (Retegal) kemm fil-kuntest ta' dan l-appell kif ukoll fil-kuntest tal-ewwel istanza.

4) SES Astra SA għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Firem